MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Numru. 364/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Kevin Pulis**

**vs**

**Joseph Desira**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Joseph Desira bin Sinforjanu u Antonia nee’ Curmi, imwieled fit-12 t’ April 1984, residenti gewwa l-fond numru 46 Konsolazzjoni, Triq San Pawl, Gudja u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 201284(M).

Akkuzat talli fis-17 ta' Jannar, 2013 ghall-habta tal-17:30hrs gewwa Vjal ix-Xarolla Zurrieq:

1. Saq vettura Nru OGI 001 b' manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, (c) u bla kont
2. U aktar meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b 'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Graziella Chircop skond kif iccertifika Dr Michael Spiteri M.D. Reg – 2666 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 29 t' Ottubru, 2014 (esebita a fol. 109 tal-process fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 32 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-30 t' Ottubru, 2014 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta' Jannar 2013 ghall-habta ta' 17.30hrs gewwa Vjal tax-Xarolla, iz-Zurrieq fejn Graziella Chircop li kienet qed taqsam it-triq in kwistjoni intlaqtet mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni OGI 001 misjuqa mill-imputat fejn l-imsemmija Graziella Chircop sofriet griehi ta' natura gravi li hallew dizabilita' permanenti. Mill-provi rrizulta li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu gej mid-direzzjoni ta' Triq il-Bronja (fejn hemm il-Maypole) ghal Triq ix-Xarolla. Kien hemm traffiku sostanzjali gej mid-direzzjoni opposta meta Graziella Chircop harget minn bejn il-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta ghal dik li kien qed isuq fiha l-imputat, qasmet ghall-gharrieda quddiem il-vettura tieghu fejn huwa spicca laqatha bil-parti ta' quddiem tal-vettura tieghu minghajr ma kellu cans jaghfas il-brejk. Din il-verzjoni tal-fatti giet moghtija mill-imputat kemm a tempo vergine meta tkellem ma' PC 1482 Bjorn Schembri li nvestiga il-kaz u sussegwentement meta huwa ghazel li jixhed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2014. L-istess verzjoni giet konfermata mill-passiggier fil-vettura tal-imputat, Antoine Cassar, li xehed waqt l-udjenza tal-20 ta' Frar 2014.

Min-naha l-ohra il-pedestrian Graziella Chircop dejjem sostniet li ma kienet tiftakar xejn dwar kif sehh l-incident. Meta xehdet f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-30 ta Mejju 2014 izda hija qalet li meta bdiet taqsam rat il-vettura tal-imputat gejja izda xorta kompliet taqsam u ntlaqtet.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma tal-Qorti f' dan il-kaz il-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova li kien hemm xi traskuragni, imperizja, sewqan perikoluz jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li waslu ghall-incident de quo. Il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova li tikkontradici l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat. Ix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni Graziella Chircop fil-fatt tikkonferma dak li qal l-imputat u cioe' li hija holqot emergenza istantanja lill-imputat meta hija qabdet u harget ghall-quddiem il-vettura tal-imputat fejn huwa ma kellux cans jaraha u jiehu l-mizuri necessarji sabiex ma jolqothiex. Il-Qorti hija tal-fehma li l-provi kollha jindikaw li f' dan il-kaz il-pedestrian naqset ghal kollox mill-obbligu taghha ta' pedestrian li ma tohloqx ostakolu ghat-traffiku li kien ghaddej fit-triq u qabel ma taqsam it-triq. Huwa ben risaput li mhux biss is-sewwieq ghandu jzomm 'a proper lookout' ghal dak li qed jigri fit-triq izda dan l-obbligu jispetta wkoll lill-pedestrian li jkun ser jaqsam it-triq specjalment triq principali bhal ma hija Triq ix-Xarolla. Mil-provi prodotti f' dan il-kaz jirrizulta li l-imputat ma setghax jara lil Chircop qabel ma hija harget ghal quddiem il-vettura tieghu minn bejn il-vetturi ghaddejjin fid-direzzjoni opposta u dan proprju ghaliex dawn il-vetturi kienu qed jghattulu l-vizwali. Chircop

kellha l-obbligu li tieqaf u taccerta ruhha li setghat tipprocedi sabiex tkompli taqsam it-triq minghajr ma tohloq emergenza u ostakolu ghall-vetturi li kienu qed jipprocedu ghall-affari taghhom fl-istess triq. Il-Qorti jidrilha li l-incident de quo sehh unikament minhabba l-mod inkonsult li bih qasmet it-triq il-pedestrian u mhux minhabba xi mperizja, traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------